# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 212/2015**

**Appell Numru: 213/2015**

Il-Pulizija

vs

**Francois Ellul**

iben Martin, imwieled Pieta', fis-27 ta' Frar, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 113989(M)

U

**Rowena Garcia**

bint Felix, imwielda Pieta', fit-23 ta' April, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 235191(M)

Illum, 5 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Francois Ellul u Rowena Garcia Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-18 ta’ Jannar, 2012 gewwa dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudin b’qerq, jew akkwistati b’reat, li jikkonsistu f’Apple IPad ta’ valur ta’ madwar tmien mitt euro (€800), liema oggett jappartjeni lill-Paul Apap Bologna detentur tal-karta tal-identita` numru 70372M minn Hal-Lija.

Talli saru recidivi b’diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta’ Malta liema sentenzi ma jistghux jigu mnaqqsa jew mibdula

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta’ April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 279 (a) u 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputati Francois Ellul u Rowena Garcia hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u kkundannthom ghal hames (5) xhur prigunerija kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appellant Francois Ellul ipprezentat fis-6 ta’ Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikati tas-27 ta’ April 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura billi tilliberah minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanta Rowena Garcia pprezentat fil-5 ta’ Mejju, 2015 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokha u kwindi tillibera lill-appellanta skont il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant Francois Ellul u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Meta l-Ewwel Qorti tirrakkonta li fix-xhieda ta’ Renaldo Rotin, ma tghidx li

Rotin kien effettivament informa lill-appellant li kien misruq. Dan huwa l-fulkrum tal-kas, jekk l-appellant kienx konsapevoli li l-IPad in kwistjoni kienx misruq. Rigward il-prezz, jidher li ma kienx hemm valutazzjoni tal-IPad, u dan huwa bzonnjuz ghaliex hemm varjeta ta' prezzijiet ta' ipad, inkluz ta' madwar €200 jekk il-mudell m'huwiex ta' l-ahhar. B'hekk mitt Euro ikun prezz tajjeb ta' second hand jekk il-mudell m'huwiex ta' l-ahhar.
Rat l-aggravji tal-appellanta Rowena Garcia u cioe':-

Illi l-aggravji huma indubbjament cari u manifesti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, ikkundannat wara sejba ta` htija lill-esponenti Garcia, hames xhur prigunerija u dan meta kif muri mill-provi fil-process sucitat, dina qatt ma kellha sehem f'xi trattazzjoni, indhil, instgar, jew accetazzjoni ta` xiri akkwist jew offerti ta' l-istess oggett misruq.

Primarjament, il-provi juru illi Rotin kien fl-inhawi tal-Marsa u b'hekk mhux f'lok fejn diversi persuni morda fil-vizzju tad-droga bhal per ezempju Detox centre Pieta jkunu jhufu sabiex jaraw kif ser jakkwistaw xi haga halli jsostnu il-vizzja taghhom. L-esponenti Garcia fiz-zmien li sehh dan il-kaz kienet gharusa tal-co-imputat l-iehor cioe' Ellul. B'hekk kienet fl-istess vettura proprjeta ta' Francois Ellul.

L-esponenti ma lissnet ebda kelma lil Rotin jew Ellul, izda bhala passiggiera quddiem, semghet il-konversazzjoni bejn Ellul u Rotin sabiex l-eks taghha jaghti risposta wara ftit sighat jekk kienx jghodd <u>ghalih</u> jew le l-istess IPad. Hawn jsegwi li l-pulizija ghagglu meta elevaw u arrestaw lill-esponenti, stante illi lanqas taw cans sabiex jikkonfermaw jekk l-istess IPad kienx ser jkun mghoddi lil Ellul jew Ellul jirrifjutah! Wisq aghar l-ipotesi li l-esponenti Garcia wettqet xi tip ta` reat hawnhekk: il-Kodici Kriminali tipprovdi certu elementi sabiex tkun pruvata ricetazzjoni. Dawn huma:

(i) l-oggett irid jkun akkwista b'reat bhal serq, frodi jew ingann iehor; (ii) l-imputat irid jkun accetta li jilqaw ghandu jew jixtrieh; (iii) is-suspettat irid jkun ghamel hekk xjentament, ergo irid jkun konxju jew bhala persuna b'raguni ragonevoli, irid jkun jew setgha jobsor li l-oggett kien misruq.

Jsegwi hawnhekk illi lanqas prezz ma kien miftiehem bejn Rotin u Ellul! Mill-prezz offrut oggett, wiehed jista jasal ghal konkluzzjoni jekk persuna ma tistax tobsor li oggett nghidu ahna

jiswa 1000 euro jkun misruq, meta jkun offrut ghal prezz ferm anqas minn dan attwalment jiswa; kieku l-IPad kien jiswa 800 euro (kif xehed sidu Peter Apap Bolognia), izda Rotin u Ellul ghaddewh u ittrasferewh lil xulxin ghal prezz ta` 100 euro, allura jista' jkun li t-tesi tal-prosekuzzjoni treggi, izda hawnhekk xejn minn dan ma sehh.

L-esponenti kienet biss passiggiera, ma marretx hija stess tfittex lil Rotin, u lanqas biss tkellmet fil-ftit minuti li dam Rotin jitkellem mal-eks taghha Ellul; hawnhekk lanqas dnub tax-xewqa normalment wiehed jisma bih, fl-atti religjuzi ma jista wiehed jghid li kien il-kaz, u dan stante illi l-esponenti qatt ma intervjeniet sabiex sehibha jew Rotin ergo min verament seraq dan l-IPad jiftiehmu fuq prezz halli Rotin jnehhi l-IPad minn fuqu! Kif wiehed jista' jkun ikkundannat 5 xhur prigunerija meta ma jkun ghamel xejn lanqas tkellem, u fi spazju ta` 5 minuti gew pulizija jarrestwah, mhux faccli wiehed jikkontemplha.

Minn dak iz-zmien meta sehh il-kaz odjern, l-esponenti ma baqghetx mal-co-imputat Ellul, fl-istess proceduri appellati, kellha tarbija cioe' tifel illum ghandu madwar sena, hija single mother, u tghix m’ommha gewwa l-Fgura. Li kieku kellha tkun esegwita s-sentenza appellata, certament tkun kagun ta` ingustizzja gravanti izjed u izjed meta l-esponenti ma ghandha ebda problema ta` droga, vizzji ohra jew wettqet xi reati ohra fil-frattemp.

Id-duttrina nostrali penali, tesigi illi persuna trid tkun ippartecipat permezz ta` ftiehem accetazzjoni verbali, sinjali, jew tghaddi flus jew oggett ta` valur, u anka wkoll minghajr hlas, izda jkun hemm accetazzjoni tacita fejn persuna taccetta li tiehu ghandha jew fil-pussess taghha oggett li xjentament jkun akkwistat b’reat, liema cirkostanzi jridu juru li mill-prezz tal-oggett ittrattat bhala negozju jew bejgh, jrid jkun gia miftiehem. Hawnhekk fil-kaz appellat lanqas dan ma sehh, stante illi l-esponenti kif wkoll Ellul qatt ma accettaw ma Rotin kemm kellu jiehu tieghu l-istess IPad. Trid tkun ukoll accettatu fil-proprjeta taghha jew misjub fl-istess waqt tfittxija li tkun ghamlet il-pulizija. Hawnhekk ninsabu fi triq pubblika, vettura ipparkjata jew misjuqa izda twaqqfet minn Rotin, l-oggett misruq (li fil-hin tal-incident ma kienx rivelat li kien misruq), joffri li jbieghu, izda wara ftit minuti jaslu l-pulizija fuq l-esponenti u sehibha ta` dak iz-zmien u malajr malajr jressquhom l-Qorti akkuzati b’ricetazzjoni.

Lanqas fl-istqarrija li tat l-esponenti m'hemm implikazzjonijiet fejn juru li hija stess accettatu dan l-oggett. Lanqas marki tas-swaba ma instabu fuqu, meta saru l-investigazzjonijiet, liema marki tas-swaba jimplikaw li l-esponenti Garcia missithu dan l-IPad. Hawnhekk wiehed jidhol in fondo ta` x'jipprovdu decizjonijiet moghtija mill-Qrati ta` l-Appell taghna fejn insibu segwenti elementi:

*`l-element <u>materjali</u> ta` ricetazzjoni jrid jinkludi li persuan tkun laqghet ghandha l-oggett, li xtratu jew indahhlet sabiex jkun akkwistat jew tbieghu jew mexxiet l-oggett akkwistat b'reat`.*[1]

Ebda wahda minn dawn l-elementi materjali ma jirrizulta li l-esponenti wettqet mill-mori tal-proceduri sucitati.

Di piu', gurista famuz cioe' Antolisei jipprovdi s-segwenti elementi:

*`Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto; se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore delle cose che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente saremo in presenza di <u>ricettazione putativa</u> e' quindi <u>non punibile</u>`*[2]

Il *presupposto* hawnhekk ha zvolta ta` dimensjoni immaginarja; il-prosekuzzjoni lanqas wasslet sal-grad ta` accetazzjoni sabiex tressaq lill-esponenti, u dan kif anka turi is-sentenza appellata, fejn il-Qorti tal-Magistrati stqarret li l-esponenti lanqas lissnet kelma izda misterjozament implikata fi rwol 'sekondarju' meta din lanqas biss inkuraggiet jew indahhlet f'tali bejgh, akkwist jew accetazzjoni ta` pussess tal- IPad!! B'hekk hawn ghandha kaz ta` 'ricetazzjoni' putattiva, ergo nulla u bla ebda bazi legali.

Jsegwi wkoll illi l-esponenti nstabet hatja wkoll li hija recediva. Dan stante sentenza datata 25 ta` Ottubru 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta (EG), fejn kienet illiberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal zmien sena u nofs. Jsegwi pero' illi l-esponenti fil-

---

[1] P vs John sive Giovanni Grima. Q. Appell (VDG) 25/10/2002.

[2] Manuale di Diritto Penale-Parte Speciale. Giuffre` (Milano) 1986 a fol. 358/9.

mankanza tal-elementi <u>kollha</u> rikjesti mill-kamp penali dwar ricetazzjoni ma tistax tkun meqjusa recediva skont l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9, u dan abbazi illi hija stess baqghet silenzjuza u ma ndahhletx sabiex ikun akkwsitat dan l-oggett misruq minn Rotin.

Il-vertenza ahharija fl-aggravju mressaq, jreggi l-argument fejn jekk vettura jkollha 4 passiggiera fiha, u malvivent jersaq sabiex juri oggett misruq lix-xufier, u x-xufier jkun fil-fasi fejn jiddeciedi jekk jiehdux l-oggett jew jirrifjutah, allura kull persuna li tkun riekba fil-vettura ghandha tinstab hatja ta` ricetazzjoni?? Anka jekk il-provi kollha juru li ma jkunux lissnu kelma!! Il-kamp penali certament jesigi livell u grad fejn persuna tista tinstab hatja biss jekk il-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova sal-grad ta` lil hinn mid-dubbju ragonevoli, u fil-kawza appellata, certament l-esponenti qatt ma intervjeniet jew indahhlet sabiex l-IPad ikun akkwistat!

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan il-kaz iz-zewg akkuzati ghamlu appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi l-ewwel haga li din il-Qorti ghandha tirrileva hu l-fatt li d-derubta ma giex imsejjah biex joffri x-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti. Dan qed jinghad ghaliex fil-verbal a fol. 48 tal-process hemm miktub li: "Id-difiza tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' xhud provi a rigward tal-valur tal-IPad...". Dan il-metodu ta' xoghol jiffranka hafna xoghol lill-Qorti bil-kondizzjoni li almenu hemm valur approssimattiv tal-oggett misruq. F'dan il-kaz ma kien ebda valur indikat ghajr li l-persuna li serqet dan l-IPad xehdet li hu kien biegh dan l-oggett ghall-prezz ta' mitt euro (€100). Il-versjoni ta' l-appellant Francois Ellul hi li hu ried ihallas mija u hamsin euro (€150) u

l-vesjoni ta' l-appellanta Rowena Garcia kienet li dik il-persuna riedet mitejn u hamsin euro (€250).

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti ta' dan il-kaz u ma jidhirliex li ghandha tiddisturba r-ragunament li ghamlet l-ewwel Qorti li waslet ghal konkluzjoni logika u legali tal-fatti li gew esposti.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi ta' dan il- kaz mhemmx lok xi tghid izjed.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Francois Ellul u Rowena Garcia u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu.  Dwar il-piena.  Fil-kaz ta' **Francois Ellul** thassar u tirrevoka l-piena ta' hames xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal piena ta' tlett xhur prigunerija.  Fil-kaz ta' **Rowena Garcia** thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' hames xhur prigunerija u tenut kont tax-xhieda tat-Tabiba Anna Maria Vella tifhem li piena karcerarja tkun kontro-producenti. Ghalhekk, tillibera lil Rowena Garcia taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.